V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10705 – BLACKSTONE / CARLYLE / GOLDMAN SACHS / PRIMA)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 202/15)

1. Fit-12 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Blackstone Inc. ("Blackstone", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Carlyle Group, Inc. ("Carlyle", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Goldman Sachs Group, Inc. ("Goldman Sachs", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Prima Assicurazioni S.p.A. ("Prima", l-Italja), ikkontrollata bi sħab minn Blackstone u individwu privat.

Blackstone, Carlyle u Goldman Sachs jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Prima kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma u permezz ta' kuntratt.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Blackstone hija ditta globali tal-ġestjoni tal-assi li tiġġestixxi l-fondi,

— Carlyle hija ditta globali tal-ġestjoni tal-assi li tiġġestixxi l-fondi fi tliet dixxiplini ta' investiment ewlenin: (i) ekwità privata globali, (ii) kreditu globali u (iii) soluzzjonijiet ta' investiment,

— Goldman Sachs hija kumpanija globali bankarja ta' investiment, titoli u ġestjoni tal-investiment li tipprovdi servizzi lil korporazzjonijiet, istituzzjonijiet finanzjarji, gvernijiet u individwi,

— Prima hija intermedjarju li tiddistribwixxi fl-Italja assikurazzjoni mhux tal-ħajja għall-vetturi, muturi, vannijiet (inkluża assistenza fit-toroq) u assikurazzjonijiet privati tad-dar u tal-familja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10705 – BLACKSTONE / CARLYLE / GOLDMAN SACHS / PRIMA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.